MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 35/2008

Doris Portelli

vs

Sharon Catherine Evans

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-30 ta’ Settembru 2008, li jghid hekk :-

‘Illi l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lir-rikorrenti Doris Portelli s-somma ta’ elf tmien mija u tlieta u sittin Ewro u hamsin centezmu (€1,863.50) dovuti bhala bilanc tal-prezz tal-bejgh ta’ ghamara li sar mir-rikorrenti a favur tal-konvenuta, liema ghamara kienet tinkludi kamra tas-sodaa, kcina, u salott.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali mibghuta f'April 2008, u tal-ittri interpellatorji datati 17 ta' April 2008, 3 ta' Marzu 2008, 12 ta' Novembru 2007, u 22 ta' Ottubru 2007, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta.

Bl-inguzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni.' ;

Il-konvenuta permezz tar-risposta taghha pprezentata fit-12 ta' Gunju 2009, eccepiet :-

'Illi mhux minnu li hu dovut l-ammont ta' €1863.50, u fil-fatt sar il-pagament effettiv kif jidher mill-affidavit u dokumenti annessi.' ;

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti ;

Sama' lid-difensuri tal-partijiet li ttrattaw il-kawza ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Il-meritu tal-kawza attrici jikkoncerna talba ghall-hlas ta' bilanc ta' prezz ta' ghamara u xi oggetti ohra li l-attrici u zewgha kellhom fl-appartament taghhom fi Triq Simirat, Ghajnsielem, Ghawdex, u li kienu bieghu lill-konvenuta fl-istess okkazjoni li l-konvenuta kienet xtrat minghandhom l-istess appartament b'kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Maria Grima tal-5 ta' Frar 2007. Il-prezz tal-ghamara u tal-oggetti miftiehem bejn il-partijiet kien ta' elfejn u tliet mitt lira Maltin (Lm2,300). M'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li minn dan il-prezz pattwit tal-ghamara u tal-oggetti gia' kienet thallset is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) permezz ta' tliet pagamenti ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) -il wiehed fil-5 ta' Frar 2007, fis-17 ta' Frar 2007, u fit-23 ta' April 2007. Lanqas hemm kontestazzjoni li l-konvenuta baqghalha thallas lill-attrici s-somma ta' elf mija u erba' u sittin Euro u tmienja u sittin centesimi (€1164.68), li huma ekwivalenti ghal hames mitt lira Maltin (Lm500), billi hi stess tammettih dan. Ghalkemm il-konvenuta tikkontendi li l-attrici ma kkonsenjatilhiex l-ghamara u l-oggetti kollha li dwarhom

kienu ftiehemu li gew mibjugha, baqghet m'ghamlitx il-kontro-talba taghha biex titlob tnaqqis tal-prezz mill-bilanc li qed titlob l-attrici ta' dawk l-oggetti li gew mibjugha, li pero' baqghu ma gewx ikkonsenjati lilha. Lanqas ma jikkoncerna lil dan it-Tribunal l-ilment tal-konvenuta dwar il-kundizzjoni hazina tal-ghamara u l-oggetti li gew ikkonsenjati lilha la darba jirrizulta li mhux biss il-konvenuta accettat l-istess ghamara u l-oggetti fil-kundizzjoni li gew mghoddija lilha mill-attrici, izda talli hallset lill-attrici mill-prezz li bih gew mibjughin lilha u saru ghal pagament wiehed zgur tliet pagamenti akkont tal-prezz. Il-kontestazzjoni li hemm bejn il-partijiet u li tikkoncerna principalment lil dan it-Tribunal huwa dwar il-hlas tas-somma ta' tliet mitt lira Maltin (Lm300) li l-konvenuta tikkontendi li din kienet hallsitha lill-attrici billi hallitomlha ma' bintha Lorianne Refalo, filwaqt li kemm l-attrici tichad li rceviet din is-somma kif ukoll bintha Lorianne Refalo tichad li l-konvenuta kienet ghadditilha dawn il-flus ;

Kif jinsab ritenut ghall-prova tal-pagament, kemm jekk hux ghas-saldu jew le, ma hijiex indispensabbli l-prova skritta jew il-produzzjoni ta' ricevuta. Huwa bizzejjed li l-hlas jigi pruvat bi kwalunkwe mod li jikkonvinci lill-Qorti, naturalment skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz, kif emergenti mill-provi processwali. [Kollez. **Vol XXXII.i.525**; Appell Kummercjali, **Av. Dr. John Buttigieg noe vs Joseph Portelli pro et noe**, 26 ta' Jannar 1976; Appell Kummercjali, **John Cini vs Rita Camilleri**, 28 ta' Lulju 1982]. Tajjeb li jigi sottolinejat ukoll illi ghalkemm kif dejjem jigi rilevat, il-konvenut allegat debitur ghandu jipprova l-pagament li hu jallega, f'kaz ta' dubbju ragjonevoli jekk l-ammont ghadux dovut jew le dan id-dubbju ghandu dejjem imur favur il-konvenut ghax l-oneru tal-prova tad-debitu jibqa' fuq l-attur mill-bidu sal-ahhar tal-kawza ghax hu jallega d-debitu u kulhadd ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu [Prim'Awla, **Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri**, 27 ta' Mejju 1970; Appell, **Desmond Mizzi noe vs Patrick Filletti pro et noe**, 28 ta' Jannar 2000] ;

Minn dak li johrog mir-rizultanzi processwali jidher li l-kwistjoni centrali nvoluta tirrigwarda jekk dan it-Tribunal ghandhux jemmen il-verzjoni tal-attrici li ma rcevitx is-somma ta’ tliet mitt lira Maltin (Lm300) li hi qed tirrikjama minghand il-konvenuta bhala parti mill-bilanc tal-prezz tal-ghamara u l-oggetti li kienet bieghetitilha jew *invece* ghandhiex tkun sostnuta d-difiza tal-konvenuta li hija kienet hallset din is-somma lill-attrici billi kienet hallitielha ma’ bintha Lorianne Refalo ;

Jibda biex jigi osservat illi fejn il-verzjonijiet provvduti mill-kontendenti dwar il-hlas ta’ din is-somma ta’ tliet mitt lira Maltin (Lm300) huma dijametrikalment opposti, jinsab deciz illi ‘mhux kwalunkwe’ tip ta’ konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f’dak l-istat ta’ perplessita’ li minhabba fih ma tkunx tista’ tiddeciedi b’kuxjenza kwieta u jkollha taqa’ fuq ir-regola ta’ l-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa’ soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m’ghandhiex taqa’ comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita’ u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke’ fuq il-bilanc tal-probabilita’ u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant .... .... . Anzi’, f’kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita’ tal-qerq da parti ta’ xi wiehed mill-kontendenti .’ [Prim’Awla, **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia**, 24 ta’ Novembru 1966, per Imhallef Maurice Caruana Curran]. F’sentenza ohra l-imsemmi Imhallef insenji kien ippreciza illi ‘fi kwistjoni ta’ kredibilita’ u apprezzament ta’ provi il-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hiex possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja.’ [Appell Sede Inferjuri, **Joseph Borg et vs Joseph Bartolo**, 25 ta’ Gunju 1980] ;

Mill-interpretazzjoni tieghu tal-provi dan it-Tribunal jista’ jghid li ma huwiex ghal kollox konvint illi l-verzjoni tal-

konvenuta dwar il-hlas tas-somma ta’ tliet mitt lira Maltin (Lm300) hi aktar kredibbli minn dik tal-attrici. Dan it-Tribunal mhuwiex qed jghid li l-kwistjoni ma tipprezentax certu diffikolta’ izda ma jidhirlux li jista’, fuq il-bazi tal-provi diretti u ndiretti bhal ma huma l-prezunzjonijiet u l-indizzji, jikkonkludi li l-verzjoni tal-konvenuta hi aktar konsistenti minn dik tal-attrici dwar il-prova ta’ dan il-pagament. Dan ir-riljev mhux qed isir ghax it-Tribunal qed jistrieh fuq l-awtorita’ tieghu biss imma ghaliex isib elementi ta’ sostenn tant fix-xhieda ezaminata kemm fic-cirkostanzi generali tal-kaz ;

Dan it-Tribunal ma jarahiex verosimili dak li xehedet il-konvenuta li, minkejja li hija kellha l-ghaliex ma tafdax lill-attrici billi skond hi, mhux biss l-attrici kienet ikkonsenjatilha ghamara u oggetti mhux ta’ kundizzjoni tajba, izda wkoll ma kenitx ikkonsenjatilha l-ghamara u l-oggetti kollha li dwarhom kien sar il-ftehim tal-bejgh, hija ghazlet li thalli pagament ta’ tliet mitt lira Maltin (Lm300) ma’ bint l-attrici minghajr ma talbitha ricevuta jew bhalma kienet taghmel is-soltu, tlesti r-ricevuta minn qabel halli tigi ffirmata minn naha taghha u minn naha ta’ min ikun qed jaccetta u jircievi l-hlas. Kien jaghmel hafna sens f’dawn ic-cirkostanzi, almenu hekk jiddetta s-sens komun, li l-konvenuta esigiet ricevuta ghall-hlas tas-somma li tikkontendi li hallset lil bint l-attrici, Lorianne Refalo, u mhux semplicement ghamlet dak li skond hi sar ;

Minn dawn il-konsiderazzjonijiet u mill-elementi l-ohra probatorji akkwiziti fil-process, kompriz l-enuncjazzjonijiet gurisprudenzjali prodotti, din il-Qorti ssib, ghall-formazzjoni tal-konvinciment taghha, illi l-verzjoni tal-attrici, kif korroborata mix-xhieda, hi aktar fededenja u attendibbli, u t-talba ghall-hlas tas-somma ntiera ta’ €1,863.50 timmerita li tigi milqugha ;

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380 ;

Jiddeciedi ghaldaqstant billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenuta dwar il-hlas, jilqa’ t-talba attrici u jiddikjara li l-konvenuta hija debitrici fil-konfront tal-attrici fis-somma ta’ elf tmien mija u tlieta u sittin Euro u hamsin centesimi

(€1,863.50), u jikkundanna lill-konvenuta Sharon Catherine Evans sabiex thallas lill-attrici din is-somma, bl-imghaxijiet b'effet mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------